KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tletin (30)***

***It-Tnejn, 15 ta' Ġunju, 2026***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 30 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**30.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

30.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**30.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

30.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29 li nżammet nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 2026.

30.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.3 **Mozzjoni Numru 30-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 29

Proponent: Il-Kunsillier Naomi Mizzi

Sekondant: Il-Kunsillier Christine Dalli

Il-Minuti Numru 29 ġew approvati unanimament.

**30.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 30(09) – Ġunju 2026***

30.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 30(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12543 sa 12595 kif ukoll cheque bin-numru 7289 li jammontaw €29,372.74.

30.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

30.3.3 **Mozzjoni 30-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 30(09)

Proponent: Il-Kunsillier Naomi Mizzi

Sekondant: Il-Kunsillier Christine Dalli

L-iskeda ta' pagamenti numru 30(09) ġiet approvata unanimament.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Steven Axisa (17:51)*

*Il-Kunsill bi qbil unanimu mill-membri preżenti, qabel li tiġi diskussa l-materja numru* ***30.5 Korrispondenza*** *qabel il-materja* ***30.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku***

**30.5 Korrispondenza**

30.5.1 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex jinxtraw iktar kotba għal-librerija. Il-Kunsill approva l-ispiża ta' € 1200.

30.5.2 Tressqet korrispondenza mingħand Transport Malta dwar talba sabiex isiru double yellow lines fl-isqaq fi Triq Ta' Loretu. Is-Sindku Karl Boxall qal li diġà kien kellem lill-*Contracts Manager* u l-aħjar li jitwal id-*double yellow line* ta' mal-garage u mhux l-isqaq kollu. Il-Kunsill ma jaqbilx li jsir double yellow linef l-isqaq kollu u dan minħabba nuqqas ta' parkeġġ fiż-żona. Dwar dan il-Kunsill qabel li jiġu nfurmati Transport Malta.

30.5.3 Tressqet korrispondenza rigward l-ewwel pagament ta' €24,000 mingħand il-Housing Authority bħala parti mill-ftehim li ġie ffirmat biex b'dawn il-fondi jsir manutenzjoni fi Ġnien Emanuele Vassallo.

30.5.4 Tressqu żewġ kwotazzjonijiet sabiex jinxtara l-materjal biex jinbidel il-*flooring* ta' Ġnien Emanuel Vassallo taħt il-bandli fejn l-orħos offerta tammonta għal €4,875 mingħajr VAT. Il-Kunsill approva li jinxtara l-materjal biex jinbeda l-proċess malajr kemm jista' jkun minħabba l-periklu li hemm bħalissa minħabba r-*rubber flooring* l-antik. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li hemm bżonn ukoll li l-bandli li hemm faċċata tal-Iskola l-art tiegħu tiġi rranġata għax qiegħed perikoluż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet naraw jekk hemmx possibilita' li dan jiġi rranġat ukoll fix-xhur li ġejjin.

30.5.5 Sadanittant inġiebu żewġ kwotazzjonijiet oħra sabiex il-materjal li se jinxtara jiġi mpoġġi u installat fejn l-orħos kwotazzjoni tammonta għal €4937.50 mingħajr VAT. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa, attenda l-Viċi Sindku Brian Xuereb (18:05)*

30.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva kont tad-dawl tal-ground tal-Football Club fi Triq l-Andar flimkien ma korrispondenza li tindika li, rigward dan l-meter qatt ma nħareġ l-ebda kont u għaldaqstant bagħtu kont ta' €60,164.42 li jkopri l-konsum mill-1996 sa din is-sena. Minħabba li l-ground tal-futbol ta' Triq l-Andar qatt ma kien fir-responsabbilita' tal-Kunsill u l-Kunsill qatt ma għamel użu minnu, intbagħtet ittra formali mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv sabiex dawn il-pendenzi kollha relatati ma dan il-meter jitneħħew minn fuq il-Kunsill Lokali b'effett immedjat. Wara din l-ittra l-Kunsill irċieva risposta fejn ġejna infurmati li l-ammont għal konsum sal-2021 se jkun qed jiġi revokat u għaldaqstant l-ammont se jiġi ridott għall-€11,396.30 kif ukoll kopja tal-applikazzjoni għal meter li kienet saret fis-sena 1996. Is-Sindku sostna li dan il-kont mhux ser jitħallas min-naħa tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar li dan il-kont jitneħħa minn fuq il-Kunsill Lokali u jinqaleb fuq il-Football Club fejn ser jiġu nfurmati l-ARMS b'din il-bidla. Il-Kunsill qabel.

30.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni li saret mill-Kappillan għall-fondi tal-UIF li saret b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ingħataw. Għaldaqstant se jkun qed jiġi ffirmat il-ftehim sabiex jingħata fond ta' €15,550 biex jiġu nstallati pannelli fi

propjeta' tal-Knisja fi Triq San Guzepp k/m Triq il-Barbazzal, kif ukoll pannelli solari fis-Sala Parrokkjali li jammonta għall-€9,900.

30.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Accountant tal-Kunsill bagħat il-punti sabiex tiġi mwieġba l-Management letter tal-Awditur. Il-Kunsill approva.

30.5.9 Il-Kunsillier Stephen Attard staqsa jekk il-plakek tad-dawl li kellhom isiru taħt l-arkata fi Ġnien E.Vassallo sarux fejn is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kollox tlesta sabiex tibda tiffunzjona l-*vending machine*.

30.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tintbagħat l-ittra lir-residenti dwar it-tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku taż-żona ta' Triq il-Gudja u nfurmat ukoll li Transport Malta ser jgħinu fil-bdil tat-tabelli.

**30.4 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

30.4.1 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar l-Ġemellaġġ ta' Spanja, fejn il-Kappillan kien informa li ser jieħu grupp ġewwa Valencia, fejn kien ġie propost ukoll li jitilgħu xi rappreżentanti mill-Kunsill sabiex jinbdew id-diskussjonijiet mal-Muniċipalita' ta' Navarrez. Is-Sindku Karl Boxall u l-Kunsillier Stephen Attard li hu l-Kunsillier responsabbli mill-ġemellaġġi se jkunu qed jattendu dawn il-Laqgħat f'isem il-Kunsill Lokali.

30.4.2 Is-Sindku Karl Boxall informa li l-fanali ser jiġu mibdula bħala parti mix-xogħlijiet fi Ġnien Emanuel Vassallo taħt l-Iskema tal-*Housing Authority.* Infurma wkoll li l-funtana hemm bħalissa fejn il-Maypole ser tiġi nstallata hemmhekk. Is-Sindku Karl Boxall nforma wkoll li ġie miżbugħ l-injam tal-ground 5-A-Side pitch u dawl tal-arkati tlesta kollu. Is-Sindku qal ukoll li jekk ikun possibbli tinorok l-art ukoll sabiex b'hekk iż-żona kollha tkun ġiet irranġata. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb u l-Kunsillier Christine Dalliu ipproponew sabiex jiġi mibdul xi *outdoor equipment,* is-Sindku Karl Boxall qal li nippruvaw napplikaw għall-Skema oħra li tkun tista' tkopri dawn il-bżonnijiet.

30.4.3 Is-Sindku Karl Boxall informa li l-Project Green ser tissupplixxi lill-Kunsill Lokali b'siġar u pjanti sabiex dawn jinżeraw fi Ġnien 2000 fejn qal ukoll li għaddejjin diskussjonijiet mal-*Housing Authority* sabiex jiġu rranġati ukoll il-passaġġi.

30.4.4 Is-Sindku Karl Boxall qal li l-van tal-Kunsill li jaħdmu l-ħaddiema bih qiegħed fi stat ħażin ħafna, l-pjan hu forsi naraw jekk jinġibux xi tip ta' fondi sabiex dan jinbidel. Is-Sindku qal li bħalissa qed naraw kif nistgħu nirranġawh biex jgħaddi għal VRT u sadanittant naraw jekk tinħariġx xi skema li jkun jista' jinxtara ieħor.

30.4.5 Is-Sindku Karl Boxall informa li hemm bżonn li jiġu rranġata t-tabelli tal-'Merħba Signs'. Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn kumpanija li offrew li jagħmluhom min-naħa tagħhom bħala *sponsor*, bl-arma tal-Kunsill Lokali u wkoll bl-arma tar-Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Is-Sindku Karl Boxall qal li fil-ġranet li ġejjin ser issir laqgħa magħhom fejn ser iżomm il-Kunsill aġġornat fuq din il-materja.

30.4.6 Is-Sindku Karl Boxall nforma li fir-rigward tat-Turretta qed ikun hemm ftit dewmien minħabba li l-Perit issuġġerixxa jinbidlu t-travi kollha tas-soqfa u ssir il-manutenzjoni tal-bejt kollu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan l-ammont u xogħol kien diġa' inkluż fit-tender. Is-Sindku qal li tkellem kemm mal-Public Works u anke l-Enemalta dwar iċ-ċint għax hemm xi cables li qegħdin mat-turretta forsi dawn jiġu mgħoddija minn taħt l-art. Is-Sindku nforma li trid issir applikazzjoni lill-Enemalta għall-gaiters tal-wires sabiex ikun jista' jinbeda ir-restawr tal-faċċata tat-Turretta. Is-Sindku nforma li bl-Iskema l-oħra tal-LESA il-proġett tat-Turretta għandu jkun komplut.

30.4.7 Is-Sindku Karl Boxall nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn kumpanija sabiex jitwaħħal *banner* mal-Ground 5-A-Side. Fir-rigward huwa ppropona li bħala Kunsill tintalab donazzjoni ta' €200 kif ukoll jitħallas l-ammont ta' € 40 biex jiġi printjat il-banner sabiex ikun hemm uniformita'. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta'. Is-Sindku qal li permezz ta' dawn id-donazzjonijiet il-Kunsill ikun jista' jagħmel l-manutenzjoni tat-turf tal-ground 5A-Side kull 3 jew 4 xhur kif ukoll manutenzjonijiet oħra li jinqalgħu matul iż-żmien.

30.4.8 Is-Sindku Karl Boxall xtaq iressaq messaġġ dwar l-atteġjament tal-Kunsilliera fuq sitwazzjoni li ġrat f'Jum Ħal Għaxaq li għadda, il-messaġġ kien jgħid hekk "**Ir-rispett għandu jkun il-bażi tal-ħidma tagħna bħala Kunsill. Filwaqt li nirrispetta opinjonijiet differenti u l-ħidma kienet l-istess ma' kull membru tal-Kunsill, ma nqisx li attakki personali u malafama bla bażi jkunu xierqa. Meta nqis li xi deċiżjoni jew aġir ma jkunx fl-aħjar interess tal-lokalità, inħoss li hija r-responsabbiltà tiegħi li nesprimi l-pożizzjoni tiegħi b'mod ċar, professjonali u rispettabbli. Nemmen fid-djalogu kostruttiv u fir-rispett reċiproku, filwaqt li nżommu limiti ċari b'mod seren u matur.**" Il-Kunsillier Stephen Attard qal li xtaq iwieġeb dwar dan il-messaġġ minħabba li jħoss li kien messaġġ dirett għalih. Huwa sostna li wara li inqalgħet din il-kwistjoni li kienet relatata mal-Kunsill Lokali ma kienx hemm għalfejn jeħlu l-membri familjari ukoll. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li jekk kien hemm deċiżjoni dakinhar tal-Kunsill, is-Sindku Karl Boxall ma kellux għalfejn javviċina s-Sindki oħra dwar din id-deċiżjoni u anke man-nies kien qed jintqal li hu bħala Sindku ġie rrapurtat. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li kellu jirrikorri għal dak l-aġir għax l-affarijiet marru kontra dak li kien deċiż fil-Minuti.

30.4.9 Is-Sindku Karl Boxall qal li xahar qabel intbagħtet e-mail lil kull Kunsillier sabiex jinforma li hu jħoss li jkun ġust li dakinhar taċ-Ċerimonja ta' Jum Ħal Għaxaq tagħmel diskors s-Segretarju Parlamenti Civelli u dwar dan ħadd mill-Kunsilliera ma taha risposta jew oġġezzjona. Is-Sindku Karl Boxall qal li qabel iċ-Ċerimonja ta' Jum Ħal Għaxaq ġie nfurmat li s-Segretarju Parlamentari ma setgħetx tattendi għal Jum Ħal Għaxaq u minflok id-diskors kien ser isir mill-Ministru Owen Bonnici. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li meta jkun hemm Ministru li jiġi mistieden b'unur ikun jista' jagħti diskors tiegħu. Il-Kunsillier Stephen Attard sostna li meta kien hemm kwistjoni bejn is-Sindku u l-Viċi Sindku kien hu l-ewwel wieħed li pprova jirranġa s-sitwazzjoni ta' bejniethom pero' dan l-istess aġir ma sarx fil-konfront tiegħu.

30.4.10 Is-Sindku Karl Boxall qal li din is-sitwazzjoni kienet totalment differenti għax din il-kwistjoni eskalat u ġiet użata bħala ballun politiku u rrapurtata anki xi ġurnalisti. Il-Kunsillier Stephen Attard sostna ukoll li l-Laqgħa straordinarja kellha ssir wara l-5:00 pm kif titlob il-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li laqgħa straordinarja tiġi msejjħa mis-

Sindku u bħala ħin, f'każijiet eċċezzjonali u bi qbil unanimu tista' ssir anki f'ħinijiet oħra qabel il-5pm. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha ebda oġġezzjoni dwar il-ħin u sostniet ukoll li għal bidu tal-Laqgħa Straordinarja, il-membri kollha tal-Kunsill kienu preżenti. Is-Sindku Karl Boxall qal li din il-materja ma kellix teskala b'dak il-mod għax dejjem kien hemm rispett lejn il-Kunsillier Stephen Attard u dak l-aġir f'Jum Ħal Għaxaq ħass li kien ta' disrispett fil-konfront tiegħu.

30.4.11 Il-Kunsillier Stephen Attard sostna li hu jibqa' bil-fehma tiegħu li f'Jum ir-Raħal m'għandhomx isiru diskorsi minn Ministri. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li anke hu tal-fehma li Ministri ma jagħtux diskorsi f'Jum il-Lokal u qal li forsi naqas min-naħa tiegħu meta s-Sindku Karl Boxall kien infurmah li ser titkellem is-Segretarju Parlamentari u dakinhar qalu li ma jsibx oġġezzjoni.

*F'dan l-istadju, din il-materja ġiet magħluqa.*

30.4.12 Is-Sindku Karl Boxall informa li siġra ta' ħdejn il-Knisja fi Pjazza Santa Marija fil-ġranet li ġejjin ser tiġi miżbura skond l-istruzzjonijiet li ingħatajna minn persuni professjonisti u li ġiet ukoll approvata mill-ERA.

## 30.6 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>

30.6.1 Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li ġiet avviċinata mill-għalliema tal-krafts tat-tfal tal-eta' bejn il- 5 u 12-il sena, dan ser jikkonsistu fi tmien lezzjonijiet ta' siegħa darba fil-ġimgħa u bħala post ser tintuża' l-binja tal-Kunsill il-ġdida fit-triq tal-Kunsill stess. Is-Sindku Karl Boxall qal li Rose Vella ser tagħmel ukoll il-kors tal-krafts għal kbar f'Ottubru li ġej. Il-Kunsill qabel.

30.6.2 Il-Kunsillier Stephen Attard qal li l-għalqa ta' Triq il-Bwar ma tnaddfitx kollha. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-parti privata ġie avviċinat is-sid biex inaddaf. Is-Sindku Karl Boxall informa wkoll li ser jitħawwlu mal-40 siġra taż-żebbuġ u anke ħamrija ġdida. Il-Kunsillier Stephen Attard qal ukoll li fi Ġnien 2000 hemm siġra maħruqa fejn is-Sindku Karl Boxall informa li din ser tinbidel minn Project Green. Dwar dan it-tindif u it-tħawwil tas-siġar il-Kunsill ma kellu ebda oġġezzjoni.

30.6.4 Il-Kunsillier Stephen Attard staqsa dwar il-barriers li nqalgħu minn fejn il-Petland f'Dawret Ħal Għaxaq. Is-Sindku qal li dawn reġgħu inqalgħu għax kien hemm xi ilmenti minn xi residenti.

*F'dan l-istadju l-Kunsillier Steven Axisa ġie skużat mill-Laqgħa fis-7:00 p.m.*

30.6.5 Il-Kunsillier Naomi Mizzi ressqet ilment rigward l-ħtieġa li jitneħħa l-ħaxix selvaġġ fi Triq in-Niġem. Is-Sindku Karl Boxall qal li dan ser jinqata' fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi pproponiet ukoll biex tiġi nstallata bollard fi Triq Dun Guzepp Naudi wara il-garaxx li hemm fil-parti d-dejqa sabiex jiġu evitati danni lir-residenzi tal-akkwata u bħala dħul isir minn Triq il-Gistakor. Is-Sindku Karl Boxall qal li r-residenti ma

jaqblux li ssir il-bollard. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi xtaqet tressaq mozzjoni sabiex jittieħed vot biex il-parti d-dejqa min-naħa tal-Pjazza tingħalaq bil-bollard u ssir anke tabella 'T' sabiex tindika li l-isqaq jagħlaq.

**Mozzjoni 30-03:** Proponent: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

Ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni għaldaqstant l-Kunsill qabel unanimament.

30.6.6 Il-Kunsillier Stephen Attard staqsa dwar t-talba tagħna ta' Triq il-Qattus għax qed jilmentaw ir-residenti sabiex nkomplu ninsistu mat-Transport Malta li din ssir *one way* u wkoll dwar l-approvazzjoni ghad-*double yellow lines* ta' Triq il-Belt Valletta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma kien hemm l-ebda risposta dwar dawn it-talbiet u sostniet li l-aħjar li jkollna l-approvazzjoni tat-Transport Malta sabiex dawn jiġu mplimentati.

30.6.7 Il-Kunsillier Jesmond Manicolo qal li hemm ħofra fi Triq il-Belt Valletta sabiex tiġi rranġata. Is-Sindku Karl Boxall qal li ser jinforma lill-*Contracts Manager* dwarha sabiex niċċekkjaw x'hemm u din tiġi rranġata. Il-Kunsillier Jesmond Manicolo nforma wkoll li l-bollard ta' ħdejn il-knisja qed tinqala'. Is-Sindku Karl Boxall qal li din ser tiġi rranġata. Il-Kunsillier Jesmond Manicolo qal ukoll li hemm il-ħtieġa sabiex jinżabar xi ħaxix li hemm fi Triq ir-Rebbiegħa. is-Sindku Karl Boxall qal li dan ser jinqata' fil-ġranet li ġejjin mill-ħaddiema tal-Kunsill.

30.6.8 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb tkellem fuq il-vann għas-servizz tal-ATM minn Transport Malta sabiex jibda jiffunzjona. Is-Sindku Karl Boxall qal li bħalissa qed isiru l-arranġamenti sabiex jibda jopera l-vann tal-Kunsill u ser inkunu qegħdin nirriklamaw dan is-servizz. Is-Sindku Karl Boxall qal li kien hemm żieda ta' żewġ ħaddiema tal-Community u wieħed minnhom tajjeb ħafna biex ikun xufier filwaqt li l-ħaddiem l-ieħor qed jagħmel xi żebgħa fil-kmamar tal-ġonna.

30.6.9 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb u l-Kunsillier Christine Dalli pproponew sabiex l-attivita' tal- Water Games tal-aħħar tas-Sajf għat-tfal jerġgħu jsiru lejn Settembru li ġej jew fi Ġnien 2000 jekk ikun lest jew Ġnien il-Familja fi Triq il-Bwar. Il-Kunsill qabel.

## 30.7 <u>Mozzjonijiet</u>

30.7.1 Annessi mal-Minuti.

## 30.8 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>

30.8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2026, fil-5:00 p.m.

Il-Minuti ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza tas-Sinjura Donna Mallia

Il-Laqgħa ntemmet fit-7:30pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 30**

**Mozzjoni Ref:** 30-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati l-Minuti Numru 29

| | |
|---|---|
| **Naomi Mizzi** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 15 ta' Ġunju 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 30**

**Mozzjoni Ref:** 30-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 30

**Naomi Mizzi**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 15 ta' Ġunju 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 30**

**Mozzjoni Ref:** 30-03

**Mozzjoni:** Biex Triq Dun Guzepp Naudi fil-parti d-dejqa min-naħa tal-Pjazza tingħalaq bil-bollard u ssir anke tabella 'T' sabiex tindika li l-isqaq jagħlaq.

| | |
|---|---|
| **Naomi Mizzi** | **Stephen Attard** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 15 ta' Ġunju 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**